12 ta' Novembru, 1951

Imħallfin :

Is-S.T.O. Sir George Borg, Kt., M.B.E., LL.D., *Pres.*

L-Onor. Dr. L. A. Camilleri, LL.D.

L-Onor. Dr. A. J. Montanaro Gauci, LL.D.

**Domenica Abdilla** *versus* **Luigi Abdilla**

**Alimenti — Mara — Abbandun.**

*Il-liġi tispeċifika l-każi li fihom il-mara titlef id-dritt tagħha għall-alimenti kontra żewġha; u fost dawn il-każi hemm dak meta l-mara, wara li tkun telqet mid-dar konjugali, tirrifjuta mingħajr ġusta kawża li terġa' tmur lura f'dik id-dar.*

*Għall-finijiet taċ-ċessazzjoni jew le ta' l-obligu tar-raġel li jmantni lill-martu, il-liġi ma tħarisx lejn il-kawżali ta' l-abbandun, imma tħares biss jekk il-mara għandhiex jew le raġuni ġusta biex ma tmurx lura fid-dar konjugali.*

*Il-fatt li l-mara tkun taħdem u taqla' biex tgħix ma jeskludix l-obligu tar-raġel li jipprovdi għall-alimenti tagħha.*

Il-Qorti — Rat l-att taċ-ċitazzjoni nru. 125/51 quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, li biħ, premessi d-dikjarazzjonijiet kollha neċessarji u mogħtija l-provvedimenti meħtieġa, wara li ppremettiet illi l-konvenut ma hu qiegħed jagħti xejn għall-manteniment ta' l-attriċi, martu, talbet li l-istess konvenut jiġi kundannat li jħallas lill-attriċi, għall-manteniment tagħha, pensjoni alimentarja fil-kwantità, mod u post li jiġu fissati minn dik il-Qorti. Bl-ispejjeż kontra l-konvenut;

*Omissis;*

Rat is-sentenza ta' l-Ewwel Qorti tas-27 ta' Ġunju 1951, fejn dik il-Qorti ddeċediet billi laqgħet it-talba ta' l-attriċi, u hekk ikkundannat lill-konvenut iħallas lill-attriċi, martu, il-pensjoni alimentarja ta' 1s. 3d. kuljum, li għandha titħallas

bil-quddiem kull ġimgħa fid-domiċilju ta' l-attriċi, u tibda minn nhar is-Sibt li ġej; wara li kkunsidrat;

Illi skond il-liġi, ir-raġel għandu, fost ħwejjeġ oħra, iżomm lil martu skond il-mezzi u l-kondizzjoni tiegħu; u hu magħruf illi l-manteniment jew alimenti tal-mara għandhom *ikunu skond il-mezz tar-raġel, anki jekk jeċċedu l-limiti tal-bżonn* tal-mara;

Illi l-liġi tispeċifika l-każi meta l-mara titlef id-dritt talmanteniment. Dawn huma meta hija, wara li tkun telqet middar, tirrifjuta tmur lura mingħajr ġusta kawża; meta tikkommetti adulterju; jew tabbanduna lil żewġha għal sentejn jew aktar *mingħajr raġuni ġusta; u meta, minħabba moħqrija,* inġurji gravi, minaċċi, jew eċċessi, il-Qorti jidhrilha li għandha ttelifha l-manteniment;

Illi b'rigward ta' l-ewwel każ fuq imsemmi, għall-finijiet taċ-ċessazzjoni jew le ta' l-obligu tar-raġel għall-alimenti, il-liġi ma tħarisx lejn il-kawżali ta' l-abbandun, imma tħares *biss jekk il-mara għandhiex jew le raġuni ġusta biex ma tmurx* lura fid-dar konjugali. Verament, għad li l-liġi tirriferixxi l-indaġini ta' l-eżistenza tal-ġusta kawża jew le għar-ritorn, sostanzjalment din l-indaġini tiswa daqs kieku ssir l-indaġini l-oħra dwar il-ġustizzja jew le ta' l-abbandun; għaliex wieħed għandu jippreżumi li l-mara tallega biex toqgħod barra middar l-istess raġunijiet li kellha, skond dak li tgħid hija, biex tabbanduna d-dar għà msemmija;

Illi l-konvenut oppona ruħu għat-talba ta' l-attriċi, għaliex jippretendi li din telqet u tinsab bogħod mid-dar konjugali mingħajr raġuni ġusta;

Illi fil-ħsieb ta' dik il-Qorti deher biżżejjed mill-kumpless *tal-provi li l-attriċi kellha raġuni ġusta biex titbiegħed mid-dar* konjugali. Ġie ppruvat li wara li żżewweġ lill-attriċi, il-konvenut...........;

Illi għalhekk l-oppożizzjoni tal-konvenut ma hix sostenibili;

Illi mix-xhieda tal-konvenut jirriżulta li huwa jaqla'......;

Rat *in-nota ta' l-appell u l-petizzjoni* tal-konvenut, fejn talab li l-imsemmija sentenza tiġi revokata u li d-domanda attriċi tiġi respinta;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi tnejn huma l-motivi ta' l-aggravju li l-konvenut iġib 'il quddiem fil-petizzjoni tiegħu; l-ewwel li l-attriċi telqet mid-dar konjugali mingħajr ġusta kawża; u t-tieni li hija qiegħda taħdem, u taqla' biżżejjed biex iżżomm lilha nfisha; u għalhekk fiż-żewġ każi hija ma hix intitolata għall-alimenti minn għand żewġha;

Ikkunsidrat;

Li mill-provi mismugħa mill-Ewwel Qorti, u kif esposti fis-sentenza li minnha hemm appell, u li magħhom din il-Qorti taqbel, irriżulta illi l-attriċi kellha kawża ġusta biex tħalli d-dar ta' żewġha, fejn omm dan hija l-padruna; illi l-omm tgħajjarha mingħajr qatt ma żewġha jipproteġiha; illi żewġha jagħti l-flus għall-manteniment tat-tfal lill-ommu u mhux lill-martu; illi żewġha ma jittrattahiex tajjeb, sija bil-kliem kemm bil-manjieri tiegħu; illi saħansitra ssuġġerielha relazzjonijiet illeċiti ma' ħadd ieħor;

Ikkunsidrat fuq it-tieni aggravju;

Illi anki jekk l-attriċi qiegħda taħdem u taqla', dan ma jeskludix l-obligu tar-raġel li jipprovdi għall-alimenti tagħha;

Għal dawn ir-raġunijiet u għal dawk ta' l-Ewwel Qorti, li huma adottati, tirrespinġi l-appell tal-konvenut u tikkonferma s-sentenza appellata; bl-ispejjeż kontra l-konvenut appellant.